**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Manolo Fulvio Trevisan**

**Illum, 31 t'Awwissu 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Manolo Fulvio Trevisan,** detentur tal-karta tal-identità AY 7480628;

Akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer nhar is- 26 ta' Awissu 2018 ghall-habta tal- ghaxra u nofs u hamsa ta' filghaxija (10:35p.m) u/jew fil-gimghat/xhur ta' qabel, gewwa Portomaso Casino u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):-

> Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat u dan ghad-dannu ta' Tumas Gaming u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra *(Art. 293, 294, 310 (1)(b) Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)*

Akkuzat aktar talli:

fl-istess perjodu ikkommeta serq ta' 'fische' u/jew flus ghad dannu ta' Tumas Gaming u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-'valur' (li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesmu (Euro 2,329.37), bil-'hin' u bil-'persuna' *(Art. 261(c),(d),(f), 267, 268(d), 270, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

fid-29 ta' Awissu 2018 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm), f'San Giljan, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew

b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorità kompetenti *(Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1505 Christian Bugeja, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li  jbezzaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz *(Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1505 Christian Bugeja *(Art. 221, 222(1)(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuni nkarigati mill-kustodja tieghu *(Art. 151, 152 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

> Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall- pubbliku *(Art. 209 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

> fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi neza' gharwien jew ma kienx liebes xieraq *(Art. 338 (q) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta).*

Akkuzat aktar talli:

> Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom *(Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Manolo Fulvio Trevisan rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 14 (1), 18, 28H, 95, 96, 151, 152, 209, 221, 222 (1) (c), 261 (c), (d), (f), 267, 268 (d), 270, 279 (b), 293, 294, 310 (1) (b), 338 (q) u 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-obbligazzjoni tal-imputat li jrodd lura is-somma misruqa, l-fedina

penali netta tal-imputat, u n-natura u gravità tal-akkuzi migjuba kontra tieghu (a) tikkundanna lill-imputat ghal zmien sentejn prigunerija liema kundanna bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal erba' snin; u (b) tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) liema hlas ghandu jsir f'sitt pagamenti mensili fl-ammont ta' seba' mija u hamsin Ewro kull wiehed (€750 Ewro) bl-ewwel wiehed dovut sat-30 ta' Settembru 2018 u bl-ahhar pagament dovut isir sat-28 ta' Frar 2019; u (c) tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas lura lill-vittma s-somma misruqa fl-ammont ta' tlett elef u sitt mija u hmistax il-Ewro (€3,615) liema hlas ghandu jsir f'sitt pagamenti mensili fl-ammont ta' sitt mija u zewg Ewro u hamsin centezmu (€602.50) kull wiehed bl-ewwel wiehed dovut sat-30 ta' Settembru 2018 u bl-ahhar pagament dovut isir sat-28 ta' Frar 2019.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur